MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA) BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR. ANTONIO MIZZI

Seduta tat-13 ta' Ġunju, 2003

Numru 442/2003

Il-Pulizija
(Sp Pio Pisani)
vs
Ryan Borg Piscopo iben Paul,
imwieled Pieta' fit-8 ta'
diċembru, 1984

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –

1. talli fil-Għargħur u fi bnadijiet oħra (Mosta u Siġġiewi) fl-20 ta' april, 2003 u f'dawn l-aħħar xhur, b'għemil żieni kkorrompa persuna ta' taħt l-eta' u cioe' lil Ramona Cutajar ta' 13 il-sena, data tat-twelid 20 ta' jannar, 1990, ta' sess femminili;
2. talli fl-istess post, data, ħin u ċirkostanzi eċċita, għin jew iffaċilita l-korruzzjoni ta' persuna ta' taħt l-eta' ta' sess femminili u cioe' Ramona Cutajar ta' 13 il-sena;

3. talli fl-istess post, data, ħin u ċirkostanzi mingħajr ordni skond il-liġi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, zamm jew issekwestra lil Ramona Cutajar ta' 13 il-sena kontra l-volonta' tagħha.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' ġunju, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 203, 207 u 86 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' sitt xhur priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali sentenza ma għandhiex isseħħ ħlief jekk fi żmien sitt xhur l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-proġunerija. Rat l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali u torbot lill-imputat li ma jkellimx jew jimmolesta l-familja Cutajar għal żmien sena taħt penali ta' Lm100.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------